MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 102/2012

**A B gia maghrufa A X (ID *****8M)**

**vs**

**C X (ID ****4M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena u tmienja (2008) f'Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u market Dok A;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;
3. Illi l-partijiet huma separati legalment;
4. Illi l-intimat wara li zzewgu qal lir-rikorrenti ma riedx tfal u sahansitra ma riedx li jkollu relazzjoni intima maghha biex zgur ma tinqabadx tqila;

5. Illi anke rrizulta sussegwentement li matul dan iz-zwieg l-intimat kellu relazzjoni ma diversi nisa ohra li ghad ghandu sal-lum u dan kif jigi pruvat waqt il-kawza;
6. Illi l-istess intimat qatt ma ried jaf b'hajja mizzewga u dan kif jigi pruvat waqt il-kawza;
7. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwetqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;
8. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
9. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Talbet ghalhekk ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Mejju 2008 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. l-esponenti gie debitament notifikat bir-rikors promotur nhar il-21 ta' Gunju, 2012 u in ottemperanza ma dak ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti qieghed jottempera ruhhu billi jintavola l-umli risposta tieghu;
2. Illi l-esponenti jikkonferma li l-partijiet izzewgu nhar il-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008);

3. Illi l-esponenti jikkonferma li miz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti ma twieldux tfal;

4. Illi l-esponenti ma jikkontestax it-talba attrici, cioe` dik li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

5. Illi nonostante` li l-esponenti jaqbel mat-talba attrici jikkontesta bil-qawwa u jishaq li l-Artikoli citati li fuqu dina l-Onorabbli Qorti ghanda tibbaza n-nullita jew le taz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huma attribbwibbli unikament lir-rikorrenti;

6. Illi b’referenza ghall-allegazzjonijiet f’paragrafu numru 5 tar-rikors promutur, l-esponenti jichad tali allegazzjonijiet kif maghmula b’dan illi jsostni li tali allegazzjonijiet huma attribbwibbli unikament lir-rikorrenti stante li kienet ir-rikorrenti li ma rieditx tfal, tant li dejjem irrifjutat li tkun intima mal-esponenti, fil-fatt il-mumenti ta’ intimita ta’ bejn il-kontendenti huma ftit li xejn;

7. Illi b’referenza ghal paragrafu numru 6 tar-rikors promotur, l-esponenti jichad tali allegazzjoni b’dan illi jsostni li huma kien dejjem fidil lejn ir-rikorrenti u qatt ma naqasha mir-rispett jew qatt kellu diversi relazzjonijiet ma’ nisa ohra kif qieghed jigi mplikat;

8. Illi l-fatti suespost huma a konjizzjoni diretta tar-rikorrenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat il-11 ta' Mejju 2008 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c), (1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

Min-naha tieghu l-intimat, jaqbel per principju li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett izda ghal ragunijiet li huma imputabbli lir-rikorrenti stess, specjalment ghal dak li jirrigwarda l-prolazzjoni tal-ulied *stante* li l-intimat jikkontendi li kienet ir-rikorrenti stess li ma riditx tfal u jghid ukoll li huwa dejjem kien fidil lejn martu.

**<u>Il-verzjoni attrici</u>**

L-attrici tghid li tlaqghet mal-intimat wara li qrat *riklam* fuq il-ktieb ta' Kana li kien hemm guvni li jrid jiltaqa' ma tfajla serja bi skopijiet serji. Il-komunikazzjoni ta' bejniethom ghall-ewwel jumejn kienet dik permezz tal-*mobile* minghajr ma kienu ltaqghu personalment izda wara ftehmu li kienu ser jiltaqghu u l-gherusija taghhom baqghet ghaddejja. Tghid li fl-gherusija taghhom li damet madwar sentejn, kienu johorgu jieklu, imma l-intimat kien jinsisti li jrid imur lura d-dar fit-8.30pm biex ikun jista' jorqod. Kien biss wara z-zwieg li l-attrici bdiet tissuspetta li din ma kienitx il-veru raguni ghala kien ikun irid imur id-dar daqshekk kmieni izda dak iz-zmien kienet temmnu, minkejja li kien hemm min jghidilha li kien qed imur x'imkien iehor wara.

Tghid ukoll li fl-gherusija ma tantx kienu jitkellmu ghax ma tantx kien ikollhom hin. L-attrici tibda taghti ftit hjiel tal-karattru possessiv tal-intimat meta tghid li ried jizzewweg f'sala partikolari akkost ta' kollox. L-idea tal-flus u illi l-intimat (u l-familja tieghu) kienu interessati hafna johrog mill-fatt li huh kien ser jizzewweg fl-istess xahar li kien pjanat it-tieg taghhom b'dan li t-tieg ta' huh isir is-Sibt u peress li ma kienux ser jaghmlu festin, kienu ser jiccelebraw iz-zwieg taghhom mal-partijiet fit-tieg taghhom l-ghada! Il-pjan tbiddel hekk kif saret taf b'dan kollu omm l-attrici li mill-ewwel qaltilha li t-tieg huwa taghhom u kellhom igawduh il-partijiet biss!

Dwar l-intimita’, l-attrici tghid li qabel iz-zwieg ma kienx hemm xejn u lanqas ma gara xejn dak inhar tat-tieg. Haga li laqtet ferm lill-attrici kienet ir-rimarka li ghamel l-intimat meta qallha “***tuzax l-affarijiet minn warajja bhall-face cloths u hekk***”[1]. Il-partijiet kienu intimi l-ghada tat-tieg izda din l-intimita’ kienet saret biss permezz tal-kontracettivi u zzid tghid li fiz-zwieg, dejjem baqa’ jsir hekk ghaliex l-intimat qatt ma kien ikun irid li jkunu intimi minghajr il-kontracettiv.

Ix-xewqa tieghu li jkollu t-tfal u li kien semma waqt l-gherusija ma baqghetx tissemma mill-intimat u meta staqsietu meta kien ser ikollhom it-tfal ir-risposta li hadet kienet dik “***inti m’intix tajba ghat-tfal***”[2] filwaqt li meta xtrat *lingerie* biex tressqu lejha, minflok ha pjacir qallha li “***Inti Qahba...Inti l-mara tieghi u mhux il-mara ta’ haddiehor***”[3].

Fl-ewwel sena taz-zwieg il-partijiet kienu diga’ ma jghixux ta’ mizzewgin u kollox kien ikun imsakkar u ma kien hemm xejn li jaghmlu flimkien bhala koppja mizzewga. Imbaghad bdiet tissuspetta li kien hemm haddiehor f’hajtu tant li ndunat li zewgha kellu zewg mobiles. Wara li telaq mid-dar, l-attrici sabet numru ta’ *sim cards* li juru li l-intimat kien qieghed jghix hajja doppja. Barra minn hekk kien jaghmlilha atti moqzieza u jghidilha li hu xi wahda Laburista ried u mhux lilha. Mill-atteggjament tieghu u mill-mod ta’ kif kien igib ruhu anke fizikament, l-attrici bdiet tkompli tafferma s-suspett taghha li kellu xi mara ohra. Dawn is-suspetti gew konfermati wara li telaq, meta l-attrici sabet il-*valentine card* minghand certu Amy[4] u *card* ohra minghand it-tifla ta’ certu Liliana[5]. Barra minn hekk kien ukoll vjolenti maghha tant li marret taghmel rapport ghand il-Pulizija.

Taghlaq billi tghid li minn dan iz-zwieg, l-attrici ma hadet xejn hlief swudija ta’ qalb u ugiegh minhabba li zewgha

[1] Ara a fol 18 tal-process
[2] Ara a fol 18 tal-process
[3] Ara a fol 18 tal-process
[4] Liema *card* hija esebita in atti u mmarkata bhala Dok. E
[5] Ara Dok B esebit in atti

dahak biha ghax qatt ma kien ragel ghaliha u qatt ma kien ihobbha. Xiehda ta' dan kollu l-attrici tipprezenta numru ta' kartolini u dokumenti li permezz taghhom l-attrici turi kemm l-intimat kien qed jghix hajja doppja fis-sens li maghha kien izomm lura u jzommha milli tilbes certu tip ta' *underwear* filwaqt li kien jghix hajja ferm aktar miftuha ma' nisa ohrajn u dokumenti ohra li juru li l-interess fl-intimita' kien hemm izda mhux ghall-attrici izda ghal nisa ohra[6].

**<u>Il-Verzjoni tal-intimat</u>**

L-intimat jghid li ltaqa' mal-attrici permezz ta' avviz li huwa kien ghamel fuq ktieb li l-Moviment ta' Kana kien johrog. Dak iz-zmien l-intimat kellu 32 sena filwaqt li l-attrici kellha 27 sena. Jikkonferma dak li tghid l-attrici fis-sens li fl-gherusija taghhom, ftit li xejn kienu jiltaqghu tant li jghid li ma kienux saru jafu lil xulxin sew fiz-zmien tal-gherusija.

Hu jikkonferma wkoll li fiz-zmien tal-gherusija, l-partijiet ma kienux intimi flimkien u jghid li l-affezzjoni min-naha taghha kienet inezistenti. Jghid li dahlu ghaz-zwieg ghaliex A bdiet thoss iz-zmien qed jaghfas tant li din kienet wahda mir-ragunijiet ghalfejn ghaggel il-process ghaz-zwieg. Jiddiskrivi z-zmien tal-gherusija billi jghid "***irqadt, qomt u sibtni li kont izzewwigt***"[7].

Dak in-nhar taz-zwieg, l-intimat jghid li haseb li hu u martu kienu ser ikunu intimi flimkien izda l-attrici raqdet u b'hekk hassu disappuntat. Ghalkemm imbaghad l-intimita' ta' bejniethom sehhet, l-intimat jghid li s-sess bejniethom kien "***ftit li xejn***"[8] u l-ftit li kienu, l-attrici kienet tesigi li l-intimat dejjem juza l-kontracettivi.

Jaghlaq billi jghid li l-attrici dahket bih ghaliex tatu x'jifhem li kienet persuna maghmula mod meta fil-verita' kienet l-oppost u dejjem tisma' minn ommha ghax li tghidilha hi,

---

[6] Ara n-nota guramentata tal-attrici a fol 24 tal-process flimkien mad-dokumenti kollha annessi
[7] Ara a fol 31 tal-process
[8] Ara a fol 32 tal-process

bibbja. Jiddiskriviha bhala mara immatura u li ma riditx issahhah l-unjoni ta' bejniethom billi jkollhom familja.

## **Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar il-11 ta' Mejju 2008 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' omm ir-rikorrenti Sylvia B li tghid li sa' mill-bidu nett, hi u zewgha kienu jippruvaw jifthu ghajnejn binthom billi jghidulha li l-intimat ma jghoddx ghaliha izda kien kollu ta' xejn. Tiddiskrivi lill-konvenut bhala ragel possessiv u li kien jaf jaghmel li jrid bl-attrici tant li lanqas kien ihalliha tmur il-post (li kienu tawha l-genituri taghha b'donazzjoni) wahedha. Ma kellux karezzi maghha u kienet tara li kien hemm xi haga hazina izda l-attrici kienet iffissata fuqu. Kien ihobb isakkar kollox u kien imdorri b'din is-sistema anke ghand ommu izda x-xhud tghid li ghalkemm lil bintha pruvat tghidilha li dan ma kienx agir normali, ghaliha kien normali peress li l-konvenut minn dejjem hekk kienet tafu. Barra minn hekk, ix-xhud tghid li l-konvenut kien jiddependi finanzjarjament fuq l-attrici fis-sens li filwaqt li kienet tuza l-paga taghha u tixtri minnha, xejn ma kienet tkun taf dwar x'qed jigri mill-paga tieghu u kif kien qed jonfoqha. Interessanti hu dak li tghid ix-xhud meta tghid li l-intimat kien jimxi ma' bintha "***b'sistema li tieghu tieghu u taghha tieghu ukoll***"[9] u tkompli ssostni li lil bintha kien jaraha biss bhala sors ta' flus u xejn aktar.

Ix-xhud tkompli tispjega kif hi u zewga baqghu b'qalbhom imtertqa sal-ahhar meta wasal it-tieg izda l-attrici webbset rasha minkejja li kemm hi u kemm zewgha ippruvaw jifthulha ghajnejha. Tirrakkonta wkoll li wara z-zwieg l-attrici kien taha hass hazin u filwaqt li hi flimkien ma' zewgha mill-ewwel marru biex jghinuha, l-intimat zewgha mar biss wara li spicca x-xoghol, liema agir wera li ma kien hemm ebda rispett jew imhabba da parti tieghu lejha. Hi tkompli  tghid li skont dak li qaltilha bintha, lanqas fil-

[9] Ara a fol 14 tal-process

*honeymoon* ma hares lejha tant li x-xhud mill-ewwel irrimarkat li dan ma kienx agir normali. Kien pero' jara l-pornografija. Hi zzid tghid ukoll li ghalkemm fil-bidu bintha kienet kuntenta li issa kienet izzewget u kellha ragel, fil-verita' ma kellha xejn ghaliex qatt ma gab ruhu ta' zewgha. "***Hlief iweggahha u jghajjarha u jidghi ma kienx jaghmel***"[10] pero' ma kellux l-istess agir fil-konfront ta' nisa ohrajn li kien jibghatilhom l-ittri ta' mhabba. Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li bejn il-partijiet "***qatt ma ghixu ta' mizzewgin mhux biss ghax qatt ma kkonsmawh izda wkoll ghax qatt ma gab rispett lejha bhala martu bhal dik il-mara li suppost izzewwigha biex jaqsam kollox maghha***"[11]

Illi dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga. F'dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine** gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

---

[10] Ara a fol 15 tal-process
[11] Ara a fol 16 tal-process

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-Qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, l-attrici tikkontendi li zewgha wriha li kien ragel differenti minn dak li fil-fatt kien. Il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat kellu relazzjoni adultera izda dan mhux prova ta' qerq. Fil-mori tal-kawza ma gietx pprezentata prova dwar xi forma ta' qerq li seta' kkommetta l-intimat fil-konfront ta' martu, u dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li omm l-attrici stess tixhed li hi ppruvat tiftah ghajnejn bintha dwar xi aspetti tal-karattru tal-intimat izda l-attrici baqghet ghaddejja bl-istess pjanijiet. Dan kollu juri li l-istess intimat ma kienx qed iqarraq bl-attrici dwar xi aspetti tal-karattru tieghu izda juri kemm l-istess attrici kienet ghamja fuqu u ma bdietx taqra s-sinjali li kienet qed taqra ommha. Hu minnu li z-zewg partijiet jikkontendu li ma kienux jafu lil xulxin meta zzewgu u ghalhekk iz-zewg partijiet kellhom aspettattivi differenti minn xulin izda dan ma jammontax ghal qerq. Konsegwentement, il-Qorti thoss li ma jirrizultawx l-elementi necessarji msemmija fil-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba attrici abbazi ta' dan l-Artikolu.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li ghamlet lill-partijiet jew minnhom inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat dahal ghal dan iz-zwieg ghax donnu mexa skont il-kurrent tant li jghid li kollox mexa b'mod tant mghaggel li jhossu li raqad u qam mizzewweg. Jidher car li l-partijiet

qatt ma ghixu verament ta’ koppja mizzewga fis-sens li l-intimat qatt ma halla li tkun possibbli li jkun hemm dik l-ghaqda taz-zwieg bejniethom ghaliex kien isakkar kollox u jaghmel minn kollox biex iwarrab lil martu mill-hajja personali tieghu u mill-intimita’ ta’ bejniethom, filwaqt li kien miftuh ghal relazzjonijiet u ghal intimita’ ma’ nisa ohra. Dan l-agir juri li l-intimat qatt ma verament fehem x’inhu zwieg u x’jirrikjedi minnu. Huwa minnu li l-adulterju m’huwiex bazi ghal talba ta’ annullament, pero’ f’dan il-kaz partikolari, jidher car li l-adulterju u l-mod ta’ kif l-intimat agixxa fil-konfront ta’ martu (billi kien jippretendi li hi tagixxi bhala mara kwazi minghajr sens ta’ senswalita’) imma dan l-istess aspett kien jiehu pjacir bih minn nisa ohrajn u kien ifittxu b’modi differenti, fosthom permezz tal-mezzi ta’ komunikazzjoni, juri li l-intimat ma fehmx x’inhu l-veru z-zwieg u x’kien jimponi fuqu bhala ragel mizzewweg. Minghand l-attrici ppretenda attitudni differenti minn dik li ppretenda u ha minghand nisa ohra u wahda mir-ragunijiet li l-attrici tghid li gara hekk hu proprju ghaliex l-intimat ma kienx inklinat lejha bhala martu ghax m’hijiex Laburista. Il-fatt li l-istess intimat jorbot l-ghaqda ma’ martu ma’ fattur ta’ politika li m’ghandu ebda bazi ghall-hajja mizzewga jew ghall-unjoni ta’ bejniethom, juri kemm fattwalment l-istess intimat ma kellux dik id-diskrezzjoni necessarja sabiex jidhol ghaz-zwieg.

F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta’ xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi ppruvat quddiem din il- Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

“***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-***

***ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici injoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tal-provi migjuba quddiemha jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat ma kellux dik id-*discretio judicii* sabiex verament jaghti l-kunsens tieghu fis-sens li jifhem verament ghal x’hiex kien diehel u ghal-liema forma ta’ responsabbilita’ kien qed jidhol ghaliha. Dan jirrizulta wkoll mill-fatt li l-intimat lanqas qatt ma halla li jkun hemm djalogu ma’ martu biex jibni dik ir-relazzjoni ta’ bejn ragel u mara mizzewga ghaliex kien koncentrat biss fuq li joqghod wahdu, jiehu gost wahdu, jeskludi lil martu minn kollox u mill-affarijiet kollha li kellu u fuq kollox sabiex isib gratifikazzjoni ma’ haddiehor barra ma’ martu.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens kien vizzjat b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg il-Qorti tirrileva li l-attrici ma ressqet ebda prova dwar il-mument propizju u cioe’ l-mument tal-kunsens.

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F’dan il-kuntest terga’ ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li “***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***”.

Sabiex din il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg abbazi ta' dan l-Artikolu, l-partijiet iridu necessarjament jippruvaw li huma eskludew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg li jinkludi fost ohrajn il-fedelta’ lejn il-parti l-ohra. Huwa minnu li jirrizulta li l-intimat ma kienx fidil lejn l-attrici pero’ dan mhux prova konkreta dwar l-intenzjoni tieghu fil-mument tal-kunsens. Dan qieghed jinghad ghaliex l-attrici ma ssemmi xejn dwar zmien l-gherusija u l-gurnata li fiha sar il-kunsens sabiex tipprova targumenta dwar tali artikolu. Fid-dawl ta’ tali nuqqas, il-Qorti ma tarax kif tista’ tilqa’ din it-talba *ai termini* ta’ dan l-artikolu proprju minhabba nuqqas ta’ prova dwaru.

Il-Qorti tirrileva li f’dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta’ Marzu 1994 fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Ghal darb’ohra jerga’ jigi rilevat li fin-nuqqas ta' provi konkreti relatati ma' dan l-Artikolu kif ukoll dwar il-mument important tal-kunsens, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu ma jistax ikun applikat fil-kaz odjern.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att taz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------